# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023**

**Numru 2**

**Rikors Numru 546/09TA**

**Muhiddin Ahmed Ibro (ID: 0046714(A))**

**vs**

**Greenlines Environmental Limited (14868) u**
**Mario Ebejer (ID No: 544771(M))**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Muhiddin Ahmed Ibro (l-Attur) tal-5 ta' Ġunju 2009 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Illi r-rikorrent Muhiddin Ahmed Ibro kien impjegat mas-socjeta` konvenuta;

2. Illi f'incident li sehh nhar fil-31 ta' Awwissu, tas-sena 2008, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu fuq trakk tal-gbir ta' l-iskart tas-socjeta` konvenuta misjuqa mill-intimat Mario Ebejer (ara r-rapport anness u mmarkat bhala **Dok. MAI 1)**, ir-rikorrent sofra debilita` permanenti kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

3. Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huma unikament responsabbli l-intimati jew min minnhom u dan b'tort, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti applikabbli u wkoll stante li naqsu milli jiehdu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li

setghu jevitaw l-incident in kwistjoni u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

Ghaldaqstant tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident li sehh nhar il-31 t'Awwissu, 2008 waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident ir-rikorrent Muhiddin Ahmed Ibro sofra debilita` permanenti;

(2) Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident, okkorrendo bin-nomina ta' Periti nominandi;

(3) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-imghax, bl-ispejjez u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi, bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Greenlines Environment Services Limited (is-Soċjeta' konvenuta) tal-15 ta' Jannar 2010 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. **Ir-rikorrenti Muhiddin Ahmed Ibro mhuwiex impjegat mal-konvenuta:**

1.1. Illi r-rikorrent mhuwiex impjegat mal-kumpanija Greenlines Environmental Services Limited imma kien sempliciment jitqabbad jahdem xi gurnata okkazjonalment bhala independent contractor, jekk ir-rikorrenti jkollha volum kbir ta' xoghol.

1.2. Illi fil-gurnata meta sehh l-incident in kwestjoni ir-rikorrent ma kienx tqabbad biex jahdem mill-kumpanija esponenti – tant hu hekk illi d-direttrici tal-kumpanija Suzanne Zammit li tiehu hsieb l-allokazzjoni ta' xoghol kienet imsiefra u certament ma talbitx lir-rikorrenti sabiex jidhol xoghol.

1.3. Illi jista jigi ulterjorment ippruvat li dik ir-ronda (Tas-Sliema) tal-gbir tal-iskart issir minn persuna wahdu;

1.4. Illi anzi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kaz dakinhar li sehh l-incident hu ma kellux jkun xoghol ghall-kumpannija intimata.

**2. Il-kumpanija esponenti mhijiex responsabbli ghall-incident akkadut**

2.1 L-esponenti tichad illi l-incident u l-allegati danni konsegwenzjali sehhew b'xi tort jew nuqqas taghha. Tichad ukoll illi hija naqset li tiehu mizuri jew prekawzjonijiet necessarji li setghu jevitaw l-incident.

2.2 Ghall-kuntrarju, l-esponenti kienet ipprovdiet lil Muhiddin Ahmed Ibro b'*safety shoes*, safety jacket, helmet u safety gloves hekk kif taghmel mal-haddiema taghha, u d-direttrici Suzanne Zammit kemm-il darba insistiet mar-rikorrent illi dan ghandu jintlibes. Meta giet mis-safar l-esponenti sabet li r-rikorrenti kien halla z-zarbun tas-safety tieghu fuq ix-xoghol u meta marret tarah l-isptar dan qalilha li minflok dahal il-yard tal-esponenti huwa kien ingabar mill-konvenut l-iehor Mario Ebejer l-Imsida u baqaw sejrin tas-Sliema fejn sehh l-incident allegat. Kien ir-rikorrent illi ghazel illi ma jilbisx is-*safety shoes* u kieku ghamel hekk dan l-incident sfortunat kien jigi evitat.

**3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-danni allegati jridu jigu ippruvati.**

**4. Illi ai termini tal-artiklu 158(3)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimata tiddikjara illi, ghar-ragunijiet fuq imsemmija il-fatti esposti fir-rikors guramentat huma lkoll kontestati u jehtieg li jigu ippruvati.**

**5. Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu skond il-ligi.**

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Ottubru 2008 fejn l-intimata kienet gja nfurmat lir-rikorrenti bil-posizzjoni taghha, kontra r-rikorrenti li huwa minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Mario Ebejer (il-konvenut) tal-14 ta' Ottubru 2021 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa is-segwenti:

"1. Illi t-talbiet tal-attur huma preskritti fil-konfront tiegħu a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi f'kull każ u ingħajr preġudizzju għas-suespost l-esponent ma jaħtix għall-inċident li seħħ nhar il-31 ta' Awwissu tas-sena 2008 ('l-Inċident');

3. Illi l-esponenti jiċħad illi l-inċident u l-allegati danni konsegwenzjali seħħu b'xi tort, negligenza jew nuqqas ta' osservanza ta' xi osservazzjonijiet applikabbli;

4. Illi fi kwalsiasi każ u dan ukoll mingħajr preġudizzju għal dak premess, id-danni reklamati mill-attur għandhom jiġu ppruvati;

5. Illi ai termini tal-Artikolu 158 (3)(c) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti jiddikjara illi għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-fatti esposti fir-Rikors Ġuramentat huma lkoll ikkontestati u jeħtieġ li jiġu ppruvati;

6. Illi inoltre, b'referenza għat-talba għal-imgħax magħmula mill-attur fuq l-allegati danni, huwa risaput li l-ebda imghax ma huwa dovut fuq ammont *da liquidarsi*;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi."

Rat is-Sentenza parzjali tagħha tal-10 ta' Jannar 2022 li permezz tagħha laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u għalhekk iddikjarat li l-azzjoni odjerna hija preskritta fil-konfront tiegħu ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-kawża u kif ukoll ix-xhieda imressqa mill-partijiet fil-perkors tal-Kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Lulju, 2023.

Rat in-nota tas-26 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha ġie esebit il-ftehim li ntlaħaq bejn l-Attur, is-Soċjeta' konvenuta u l-konvenut. Dan il-ftehim għandu jservi bħal parti integrali minn din s-Sentenza.

Rat li l-Kawza tħalliet għal-lum għas-Sentenza abbazi tal-verbal fuq imsemmi.

**Konsiderazzjoni**

Għalkemm din il-Kawza ilha pendenti ben 14-il sena, ma tantx hemm xi tgħid fuq il-mertu peress li kif jirrisulta, kemm mill-verbal inkwistjoni u mill-ftehim esebit, il-mertu llum huwa esawrit. Ħasra li dan il-ftehim ma ntlaħaqx

snin ilu għaliex b'hekk kienu jkunu evitati s-sofferenzi żejda tal-partijiet partikolarment tal-Attur.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

Kwantu jirrigwarda lill-Konvenut Mario Ebejer issir referenza għas-Sentenza parzjali fuq imsemmija u għalhekk ma għandha xi żżid xejn magħha.

**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni u tielet talba** fid-dawl tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet u li bis-saħħa tiegħu ġie eżawrit il-mertu.

Spejjes tal-kawża skont kif miftiehem bejn il-partijiet għall-Kawża fil-ftehim imsemmi, li din il-Qorti qed tannettih ma' din is-Sentenza bħala parti integrali minnha.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**

Anness: Ftehim milħuq bejn il-partijiet fil-kawża datat 27 ta' April, 2022